TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DEĊIŻJONI NUMRU 2433
Chairperson: Dr. Charmaine Cristiano Grech

Każ Numru: 3004/CCG

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol
Bejn
Gladys Tabone
U
Consolidated Biscuits Company Limited
Dwar tkeċċija mill-impjieg allegata li hi nġusta

Illum 9 ta' Settembru 2016

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali, diversament kompost, permezz ta' rikors dwar tkeċċija mill-impjieg allegata li hija nġusta. Ai termini tal-Artikolu 78(1) ta' Kap. 452 ma kienx possibli li l-każ jinstema' u jinqata' kif inhu stipulat fl-Att.

Preliminari:

Ir-rikorrenti fid-dikjarazzjoni tal-fatti tal-każ spjegat kif sa mid-29 ta' April 1992, għal kważi għoxrin sena, hija kienet impjegata fuq kuntratt indefinit mal-Consolidated Biscuit Co Ltd. bħala "Packer" u sussegwentament, minn xi erba' snin 'l hawn, ingħatat promozzjoni biex tagħmel xogħol ta' "chargehand". Permezz ta' ittra datata 22 ta' Marzu 2012 u iffirmata mis-Sur Joseph Pace, Managing Director tal-kumpannija informatha li b'effett mill-istess data tal-ittra hawn fuq imsemmija, il-kumpannija kienet qiegħda titterminalha l-impjieg tagħha. Ir-rikorrenti ddikjarat illi t-temm tal-impjieg tagħha in kwistjoni ma sarx għal raġuni valida skont il-liġi peress illi ssostni li assolutament mhix ħatja għall-ebda waħda mill-ħdax-il kap ta' akkuża elenkati f'ittra datata 13 ta' Marzu 2012 u mibgħuta lilha mill-istess Sur Joseph Pace. Barra minn hekk, din l-ittra fiha nnifisha hija serjament malafamanti. Ir-rikorrenti qalet ukoll li ma ngħatatx l-opportunita' li tiddefendi ruħha kif suppost għal fatt li l-kumpanija la semgħet ix-xhieda prodotta mill-istess kumpannija fil-preżenza tagħha, kif ukoll hija ma ngħatatx l-opportunita' li l-kumpanija tisma' ukoll xhieda favuriha. It-Tribunal Industrijali ġie umilment mitlub jiddikjara illi t-temm tal-impjieg tar-rikorrenti huwa assolutament null u bla effett. Barra l-kumpens ir-rikorrenti talbet ukoll li tingħata kumpens xieraq ieħor sabiex ma ssofri l-ebda telf finanzjarju mit-13 ta' Marzu 2011 sakemm jaslu fu tmiemhom il-proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali.

Is-soċjeta Consolidated Biscuit Co Ltd. fid-dikjarazzjoni tal-każ tagħha spjegat li r-rikorrenti bdiet taħdem mas-soċjeta' esponenti bħala "packer" fis-sena 1992 u f'Jannar tat-2007 ġiet promossa fil-kariga ta' "chargehand" u li r-rikorrenti kienet bla dubju twassal riżultati tajbin għar-rigward tal-effiċjenzi fil-produzzjoni tax-shiftijiet li kienet tmexxi hi u fix-xogħol li kienet fdata tagħmel fil-kariga tagħha ta' "chargehand". Iżda l-mod ta' kif kienet twassal dawn ir-riżultati mhumiex aċċettati f'soċjeta' demokratika għax hija kienet tadotta prattiċi abbużivi, inekwi u ingusti ma'

mpjegati oħra tas-soċjeta' esponenti. Dawn il-prattiċi kienu qed iwasslu għal diversi problemi u diffikultajiet serji u kbar ma' xi wħud mill-impjegati l-oħra li kienet responsabbli hi għalihom. Mill-bidu tal-kariga tagħha ta' "chargehand", il-management tas-soċjeta' esponenti nnota li r-rikorrenti kellha nuqqasijiet serji ta' tmexxija. Kien għalhekk li s-soċjeta' esponenti bagħtet lir-rikorrenti għal żewġ korsijiet ta' 'training' fil-psikoloġija. Dan it-'training' ingħata mill-psikologu Patrick Psaila fl-2007 (titolat "Effective Supervisory Skills") u fl-2009 (titolat "The Psychology of Motivation – Leading people towards company goals"), u dan bil-għan illi r-rikorrenti tingħata opportunita' tiżvolġi xogħolha kif suppost bl-aktar mod xieraq u ġust fil-konfront tal-impjegati l-oħra. Ir-rikorrenti kienet ukoll tiġi megħjuna konstantement mil-Line Managers u Operations Managers fit-twettiq ta' xogħolha.
Is-soċjeta' esponenti wissiet lir-rikorrenti diversi drabi tul iż-żmien li ħadmet ta' "chargehand", kemm bil-miktub, kif ukoll verbalment sabiex ma tkomplix bil-mod ta' tmexxija tagħha, biex tagħti eżempju tajjeb lil ħaddiema u mhux tipprovoka b'diskors żejjed, biex ma terġax tieħu leave meta mhux awtorizzat, sabiex ma tabbużax mill-poter tagħha, biex ma tagħmilx abbuż verbali kif ukoll psikoloġiku li jikkawża stress inutli lil ħaddiema. Minkejja dan kollu, r-rikorrenti baqgħet tippersisti fl-imġieba ħażina tagħha. Is-soċjeta' esponenti rċeviet diversi ittri anonimi, uħud fix-xhur ta' Novembru u Diċembru 2008, fir-rigward tat-tmexxija tar-rikorrenti. Għalkemm l-ebda azzjoni dixxiplinari ma ttieħdet fil-konfront tar-rikorrenti minħabba n-natura ta' dawn l-ittri, dawn ġew diskussi mar-rikorrenti fliema diskussjonijiet hija wriet biċ-ċar li riedet tkun taf min bagħtom u tieħu kopja ta' dawn l-ittri. Kien hemm diversi impjegati li kienu jaħdmu bħala "packers" taħt ir-risponsabbilita' tar-rikkorenti li taw ir-riżenja mill-impjieg tagħhom. Dawn ir-riżenji seħħew fi Frar 2008, Lulju 2008, Marzu 2009, Jannar 2010, April 2011 u f'kull każ ir-raġuni msemmija li taw dawn il-ħaddiema kienet is-sitwazzjoni intollerabbli li kienet tpoġġihom fiha ir-rikorrenti. Is-soċjeta' esponenti dejjem tat il-benefiċċju tad-dubju lir-rikorrenti rigward dawn il-każijiet. Hija ġiet imwissija li kellha tuża metodi ġusti fit-tmexxija tagħha, partikolarment mill-Managing Director, is-Sur Joseph Pace li f'April 2011, wara l-ħames riżenja, widdibha li s-suċċess tagħha kien jiddependi biss mill-kopperazzjoni li jirnexxielha tikseb mill-ħaddiema u li hi tkun tajba daqshom. F'Awissu 2011 is-soċjeta' esponenti effetwat *reshuffle* fil-gruppi tal-ħaddiema biex tirranġa r-relazzjoni tal-ħaddiema kif ukoll bdiet iddawwar iċ-"chargehands" fiż-żewġ fabbriki tagħha sabiex tnaqqas l-inċidenza tal-gruppi tal-ħaddiema li jiġu jaħdmu mal-istess "chargehands" u dan bil-għan (fost oħrajn) li r-rikorrenti jkollha inqas kuntatti mal-istess impjegati. Fid-9 ta' Frar 2012, waħda mill-impjegati li kienet taħdem taħt ir-rikorrenti, Caroline Attard, ċemplet lil HR Manager, Monica Incorvaja, biex tgħidilha li ma kinitx tiflaħ taħdem aktar u li riedet tirriżenja.Caroline iddikjarat li r-rikorrenti tatha fastidju sesswali. Hija ħarġet fuq sick leave u mar iżurha t-tabib tas-soċjeta' esponenti. Meta r-rikorrenti saret taf, għax kellha network ta' infurmaturi, hija marret għand Monica Incorvaja għas-sodisfazzjon. Caroline Attard għarrfet b'dan l-inċident lis-Sur Vassallo, r-rappreżentant tal-Union u rriżenjat effettivament fis-17 ta' Frar 2012. Ġranet wara, s-Sur Vassallo avviċina lil Monica Incorvaja, iżda Caroline Attard kienet laħqet tat ir-riżenja tagħha. Hija filfatt ikkuntatjat lil Marcelle Pizzuto, PA ta' Dr Alec Mizzi, azzjonista u Direttur ieħor fuq il-Bord tad-Diretturi ta' Consolidated Biscuit Co Ltd., sabiex tinformah bis-sitwazzjoni tal-fabbrika u r-raġuni għaliex hija tterminat l-impjieg tagħha, u dan minkejja li ma kellha l-ebda xogħol alternattiv u riedet tmantni tifel żgħir. Meta s-soċjeta' esponenti ġiet rinfaċċjata bis-sitt riżenja ta' impjegata li kienet ukoll taħdem taħt ir-rikorrenti, u li bħala raġuni għar-riżenja tagħha hija stqarriet li ma setgħetx tkompli tissaporti taħdem fil-kundizzjonijiet li

kienet tpoġġiha r-rikorrenti, s-soċjeta' esponenti ma setgħetx sempliċiment terġa' twissi lir-rikorrenti. Hija ħassitha obbligata, kemm legalment kif ukoll moralment li tagħmel investigazzjoni sħiħa sabiex tiddetermina jekk effettivament l-aġir tar-rikorrenti kienx daqshekk serju li kien qiegħed ikun ta' detriment għall-impjegati l-oħra. Mill-investigazzjonijiet irriżulta li wħud minn dawn l-impjegati li rriżenjaw stqarrew li huma kienu ġew effetwati psikoloġikament ħażin bl-aġir ta' Gladys magħhom fuq il-post tax-xogħol u kienu għalhekk ingħataw l-'anti-depressants' mit-tobba rispettivi tagħhom. Iżda minkejja dan huma ma setgħux ikomplu jissaportu u għalhekk kellhom jirriżenjaw. Uħud minn dawn l-impjegati stqarrew ukoll mal-management illi lanqas kellhom xogħol alternattiv iżda xorta waħda rriżenjaw minħabba li ma setgħux ikomplu fis-sitwazzjoni li kienu qed jaħdmu fiha. Kien hemm minnhom li lanqas in-'notice period' ma ħadmu ħalli ma jkomplux jissubixxu t-trattament mhux xieraq tar-rikorrenti. Dawn fil-fatt ippreferew iħallsu n-'notice money' milli jkomplu joqogħdu għat-trattament tagħha għaż-żmien tan-'notice'. Mill-investigazzjoni li għamlet is-soċjeta' intimata rriżulta li l-aġir tar-rikorrenti mhux biss ma kienx ġust u xieraq iżda kien imur oltre minn hekk. Hija kienet tuża attegjament ta' 'bullying', kienet tagħmel użu minn vjolenza psikoloġika u tippersegwita lil uħud mill-impjegati li kienu jaħdmu taħtha. Fuq din il-bażi s-soċjeta' esponenti kitbet lir-rikorrenti ittra datata 14 ta' Marzu 2012, b'kopja (fost oħrajn) lis-Sur Lino Vassallo, l-UĦM Secretary fejn hemmhekk is-soċjeta' esponenti spjegat bl-aktar mod lampanti x'kienu n-nuqqasijiet li sabet fir-rigward tar-rikorrenti u talbitha tagħmel sottomissjonijiet bil-miktub sa mhux aktar tard mill-15 ta' Marzu 2012 u ssospendieha mix-xogħol sa dak in-nhar. Saret laqgħa fl-20 ta' Marzu 2012 fejn ir-rikorrenti ngħatat l-opportunita' li tiddefendi ruħha u dan fil-preżenza tar-rappreżentant tal-Union, is-Sur Lino Vassallo. Is-soċjeta' esponenti tiċħad bl-aktar mod qawwi l-allegazzjoni tar-rikorrenti li ma ngħatatx din l-opportunita' liema allegazzjoni hija bażata fuq li l-investigazzjoni li saret ma saritx fil-preżenza tagħha u li s-soċjeta' esponenti ma semgħetx ix-xhieda tagħha. Skont is-soċjeta esponenti l-forum ġust fejn għandhom jinstemgħu xhieda huwa quddiem dan it-Tribunal Industrijali u mhux quddiem is-soċjeta' esponenti. Is-soċjeta' esponenti mxiet mar-rikorrenti b'mod ekwu u ġust billi semgħetha, fil-preżenza tar-rappreżentant tal-Union u mxiet fuq din il-bażi. Ir-rikorrenti ma ġiet bl-ebda mod miċħuda milli tieħu l-każ tagħha quddiem dan it-Tribunal, hekk kif filfatt għamlet. Wara li semgħet lir-rikorrenti, s-soċjeta' esponenti ħadet deċiżjoni li tittermina l-impjieg tagħha. Din id-deċiżjoni ġiet komunikata lir-rikorrenti tramite s-Sur Lino Vassallo permezz ta' ittra oħra datata 22 ta' Marzu 2012. Is-soċjeta' esponenti kienet tkun qed tonqos li kieku ma ħaditx il-passi li ħadet mar-rikorrenti galadarba kienet a konoxxenza ta' dawk il-fatti kollha dwarha li ġew fuq esposti u kif għadu iridu jkunu aktar pruvati tul il-każ. Is-soċjeta' intimata ssostni bir-rispett illi t-talba tar-rikorrenti ma tistax tiġi milqugħa fil-konfront tagħha bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

## **<u>Sinteżi tax-xhieda</u>**

Susan Mercieca, ex-impjegata tas-soċjeta' intimata ippreżentat affidavit fejn spjegat li bdiet taħdem mal-kumpannija Consolidated Biscuit Co Ltd fin-1999 bħala *packer* u rriżenjat fi Frar 2008. Ir-raġuni tar-riżenja tagħha kienet li ma setgħetx tkompli taħdem mas-supervisor tagħha Gladys Tabone. Hija spjegat li Gladys kienet tuża tattika partikolari. L-ewwel kienet tuża ħafna kumplimenti sbieħ bħal kemm hija twila, imbagħad tistedinha d-dar għat-te għalkemm hija qatt ma marret. Pero kienet

iġġib ruħha b'tali mod li kienet tbeżżagħha, għajritha li moħħha mhux normali u vendikazzjonijiet kemm trid. Gladys kienet tuża l-poter tagħha b'mod ħażin. Kienet tqabbadha tiknes meta ma kienx imiss lilha u xogħol ieħor li sħabha kienu jippreferu jevitaw. Ix-xhud qalet li marrditha, qabbditha dipressjoni u għalhekk iddeċidiet li tirriżenja. In kontro eżami Susan Mercieca qalet li hija tat ir-riżenja tagħha bil-fomm lil Monica Incorvaja u qaltilha għalfejn ser tirriżenja. Qalet li Monica Incorvaja kienet avviċinata sabiex tagħmel l-affidavit. Ix-xhud qalet li Gladys Tabone kienet theddiha. Mistoqsija jekk qatt marritx għand psikjatra x-xhud wieġbet fin-negattiv pero kienet marret għand tabib li kien qalilha aħjar titlaq milli tispiċċa tibla' l-pinnoli. Ix-xhud ikkonfermat li kienet telqet minn mal-kumpannija fl-2008 u reġgħet daħlet imbagħad reġgħet irriżenjat. Qalet li l-ewwel darba li telqet ma kienx minħabba Gladys iżda minħabba li sabet xogħol ieħor pero t-tieni darba li rriżenjat kien minħabba fiha. Ix-xhud innegat li telqet it-tieni darba għaliex kellha xi tgħid ma' Shirely Farrugia u Rita Seguna. Semmiet li Gladys kienet tqabbadha tiknes sabiex toqgħod tiċċaċra ma' sħabha Charlene, Sandra u l-oħrajn tal-klikka.

Sharon Privitiera, ex-impjegata tas-soċjeta' intimate ippreżentat affidavit fejn qalet li bdiet taħdem mal-kumpannija Consolidated Biscuit Co Ltd minn Novembru 2006 bħala *packer* u kienet għal qalbha ħafna. Hi qalet li kienet tmur tajjeb ħafna mal-kollegi iżda meta bdiet taħdem taħt ic-*chargehand* Gladys Tabone l-affarijiet inbidlu ħafna. Qalet li ukoll telqet minħabba Gladys. Ix-xhud qalet li kienet tagħmel xogħolha sewwa u qatt ma tat fastidju lil ħadd u kienet tobdi kull struzzjoni li kienet tgħaddilha Gladys. Iżda minkejja dan, Gladys qabdet magħha tant li marrditha u irriżenjat minħabba fiha. Gladys kienet timxi bil-preferenzi u jekk ma tkunx minn tal-qalbha ma timxix.Gladys kienet tabbuża mill-poter tagħha meta tgħaddilhom ix-xogħol. Filwaqt li lil ħbieb tagħha kienet tagħżlilhom ix-xogħol, lilha kienet tgħaddilha xogħol bħal knis u tindif. Sa anke kien hemm drabi fejn ma tathiex leave u setgħet tatha. Lil sħabha tibagħthom it-toilet u jdumu anka nofs siegħa mingħajr ma jippanċjaw, barra li jieħdu l-break. Ix-xhud qalet li kienet toħdilha l-overalls u tilbishomlha u dejjem tagħha kienet tkun trid.

Caroline Attard, ex-operator ma' Consolidated Biscuits Co Ltd qalet li kienet ilha kważi erbgħa snin impjegata mal-kumpannija bħala *packer* u kienet għal qalbha ħafna u li kienu ma kienx għal Gladys ma kinitx titlaq minn hemm. Hi qalet li Gladys kienet is-supervisor tagħha u qatt ma kellha warnings jew rapporti. Telqet għaliex qabditha depression. Meta talbet għall-għajnuna mingħand sħabha ma sabitx għaliex kulħadd kien jibża minn Gladys. Qalet li Gladys kienet tiskomodha ħafna meta kellha vizzju toqgħod tiftħilha l-overall u mbarazzatha l-iktar meta missitha erbgħa darbiet, darba minnhom sakemm ġabitha sidirha barra. Darb'oħra qabditilha l-parti intima tagħha u darb'oħra kienet qegħda baxxa u ġiet minn warajha u qabditilha qabda l-parti tagħha u skomodatha. Meta qalet lil Romina Cassar din qaltilha iva nemmnek għax Romina Cassar kienet ħafna ħbieb ma' din Gladys u qaltilha li din kienet tistedinha għand ommha u jinħaslu għarwenin ġol-bitħa. Wara tliet snin ix-xhud għamlet rapport. Minn hemmhekk baqgħet sejra bl-affarijiet. Meta marret għand Lino Vassallo u qaltlu li din għandha klikka u li lilha ma jkellmunix qalilha hawnhekk jien m'inix ta' Kana. Ix-xhud qalet li minħabba r-rikorrenti hija qabadha attakk nervuż u kienet bil-pinnoli. It-tabib tax-xogħol ordnalha terġa' mmur għand psikjatra u minħabba li ma riditx toqgħod tibla' pinnoli minħabba r-rikorrenti iddeċidiet li tirriżenja avolja kienet għadha kif ħarġet karozza, b'tifel, wara għamlet tliet xhur ma taħdimx u kellha tħallas notice u avoja issa għandha xogħol qiegħda mdejqa. In kontro eżami Caroline Attard

ikkonfermat ix-xhieda tagħha u tat spjega għalfejn dejjem beżgħet tirrapporta lil Gladys.

Simone Vassallo, ex-operator Consolidated Biscuit Co Ltd ukoll kellha titlaq mix-xogħol. Spjegat kif fil-bidu hi u Gladys kienu jmorru tajjeb sakemm darba kien hemm Annette li xogħolha kien tagħmel il-kaxxi u bdiet teqred b'daharha juġagħha u hi kienet tiftaħ u tarmi l-pakketti, u qaltilha ejja Anette inti armi u jiena neħodlok ħsieb il-kaxxi. X'ħin ratha Gladys bdiet tgħajjat u twerżaq "terġax tqabbadha hemm". U hi qaltilha "din mhux l-ewwel darba li għamilnieha". Ix-xhud qalet li din kienet biss waħda mill-istejjer li mhi xejn fejn l-oħrajn għax kienet tgħajjat ħafna u tirrabja magħha. Ix-xhud qalet li jekk ma tbusiex fuq wiċċha, fuq xufftejha, ma tkunx waħda tal-klikka u li kienet tkun  għaddejja għal xogħoli bl-overall u kienet taqbad u tiftaħielha u tmissilha sidirha. Ix-xhud qalet li bdiet tfittex xogħol u kienet irrappurtatha lil Managers u mbagħad marret għand l-HR u baqgħet tiela għand id-Diretturi fejn kienet qaltilhom kollox. In kontro eżami Simone Vassallo qalet li kien id-Direttur Joe Pace li bagħat għaliha biex tixhed f'dan il-każ. Dwar l-overalls qalet li l-overall kien bil-buttuni ma tantx jinqaflu sew u kienet tgħaddi Gladys jew ikunu għaddejjin huma mill-passaġġ u taqbad u tiftħilhom l-overall u tgħidilhom "hmm x'sider għandek" jew "allajbierek bħali e". Qalet li ġieli kienu jinfetħulhom waħedhom l-overalls u hi dejjem kienet tkun liebsa flokk minn taħt.

Anna Maria Cachia Refalo qalet li ilha taħdem disgħa snin u nofs ma' Consolidated Biscuits Co Ltd bħala *packer*. Qalet li lill-Gladys tafha fil-bidu kienet ħaddiema bħalha imbagħad laħqet chargehand u kienu fl-istess grupp. Għall-bidu kienet tajba imbagħad wara ftit bdew il-preferenzi. Il-klikka taħdem tajjeb; ikollhom l-*easy work* bħal Sandra Farrugia, Rachel Azzopardi, Charlene, Kim Deborah, Elissa u Lorraine. Il-klikka biċċa waħda. Ittihom l-aħjar xogħol. Jitilgħu it-toilet, jinħaslu, jieħdu showers waqt il-ħin tax-xogħol, tibagħthom waħda waħda, u sadanittant sakemm huma jinħaslu nagħmlu x-xogħol tagħhom il-ħaddiema l-oħra. Tibagħthom waħda waħda jagħmlu l-make up, iqaxxru l-pil bil-magna tal-waxing, ma jippanċjawx u jmorru jixtrulha. Jekk huma suppost jikinsu, jikinsu għalihom huma. Ix-xhud qalet li lilha kienet tbagħbaha fil-partijiet intimi, kienet tgħajtilha, tikxfilha l-overall u tbagħbasha u lil ħaddieħor ratha il-ħin kollu tbewwes. Ix-xhud ma kinitx titkellem għaliex kienet taf li b'xi mod jew ieħor tpattihielek. Dan l-aħħar kienu inqatgħu l-affarijiet. In kontro eżami x-xhud qalet li kienet għamlet rapport fuq l-aġir ta' Gladys lis-Sur Pace u lil Monica. Damet ħafna biex tagħmlu għax Gladys hija tip ta' bniedma ma tifhimiex u tasal u hi ma riditx titlef ix-xogħol tagħha.

Shirley Farrugia qalet li kienet taħdem il-Consolidated Biscuit Co Ltd bħala *chargehand* u li b'kollox kienet ilha hemm sebgħa snin. Meta laħqet chargehand bħalha Gladys ma kinitx tieħu pjaċir tgħinha. Dakinhar li laħqet qaltilha "ara x'qed navżak mil-lum 'il hemm jekk ma tismax milli ngħidlek u tagħmel dak li ngħidlek jien, mil-lum 'il hemm nagħmillek ħajtek infern". Meta staqsietha għalfejn qaltilha għaliex riedet lil ħabiba tagħha Alison Mifsud tilħaq mhux hi. Ħassitha bullied. Kienet dejjem tgħajjarha mara maħmuġa. Kienet ukoll iċċemplilha d-dar fit-tokk tas-sagħtejn, tqajjem lil missierha u lil ommha mir-raqda ta' wara nofsinhar u tgħajjarha u taqlalha fuq it-telefon li kull darba tħallilha l-ħmieġ, li mhawnx mara agħar minnha, li hi maħmuġa u pastaża u ardita.X'ħin tidħol ix-xogħol u x'ħin suppost tiġi għall-hand-over shift kienet tidħol u tmur toqgħod tbewwes u titgħannaq ma' sħabha. Lil Line Managers kienet tgħidilhom li qed tiġi bullied minnha u huma dejjem ippruvaw

jgħinunuha kemm jista' jkun. Ma' ċertu nies kienet timxi magħhom bl-istess mod li kienet timxi magħha eż ma' Simone Vassallo, ma' Caroline Attard u ma' ħafna iktar li illum m'għadhomx jaħdmu hemm.

Mario Dalli Operations Manager tal-Consolidated Biscuit Co Ltd u ilu jaħdem hemm tmien snin xehed li Gladys kienet ic-*chargehand* tal-Packing Department, waħda minn tlieta. Filfatt Gladys kienet tirrapporta lil Line Manager, Shift Manager, mhux direttament lilu u l-Line Manager kien jirrapporta lilu. Hi kienet tieħu ħsieb grupp ta' tfajliet li fil-maġġor parti kienu jaħdmu fil-Packing Hall. Il-performance ta' Gladys kienet tajba ħafna. Kienet l-aħjar waħda minn fost tlieta u din kienet osservazzjoni tiegħu u anki mill-feedback li kellu mill- Line Managers tiegħu, biss pero' sema' li kien ikun hemm ċertu nkwiet ma' wħud mill-impjegati. Ix-xhud jiftakar tliet sitwazzjonijiet li kellem lil Gladys fuqhom. L-ewwel waħda kienet fit-2008 meta l-kumpanijiet irċeviet sensiela ta' ittri anonimi kontra l-aġir ta' Gladys u hu flimkien mal-HR Manager għajtilha u kellmuha fuqhom. Hi nnegat kollox li kien hemm bil-miktub. Waqfu hemm għax ma setgħux jieħdu azzjoni għax kienu anonimi. Kien hemm żewġ każi oħra li resqu għandu għax ġew dirett għandu l-impjegati, xi ħaġa li mhux normali tiġri. L-ewwel waħda kienet Simone Vassallo għax kienet imdejqa bl-attitudni ta' Gladys lejha li f'għajnejh kienu jidhru petty issues eż ma tħallihiex tmur it-toilet jew tħallieha tmur tard ħafna jew tinsieha. Caroline kienet marret tibki fl-uffiċju, imdejqa ħafna. Qaltlu li Gladys qed taqbad magħha, tiddiskrimina kontriha u kultant tirredikolaha hi jew inkella sħabha.

Monica Incorvaja, HR Manager xehdet li ilha taħdem mal-kumpannija sbatax-il sena u sitt snin fil-kariga preżenti. Spjegat li Gladys bdiet bħala packer imbagħad fl-aħħar ħames snin ingħatat il-kariga ta' chargehand. Bħala performance Gladys kienet l-aħjar charge hand li qatt kellhom pero kien hemm problemi ma' xi impjegati. Il-każijiet ma bdewx mill-ewwel pero bdew jinbnew bil-mod. F'Jannar 2007 ħassew li kien hemm bżonn jagħmlu l-ewwel training biex jgħinu lill-middle management jagħmel xogħlu aħjar. Dan it-training ma sarx biss għal Gladys pero hija kienet parti mill-grupp li ingħata t-taħriġ. Kien sena wara, fi Frar 2008 li daħlet l-ewwel riżenja attribwita għal Gladys Tabone. Din kienet Susan Mercieca li qalet li kellha dipressjoni. Dan kollu rrappurtatu direttament lix-xhud, kemm verbalment kif ukoll bil-miktub. Hawnhekk x-xhud tat il-benefiċċju tad-dubju lir-rikorrenti. F'Lulju 2008 daħlet ir-riżenja ta' Michelle Bartolo li ukoll qalet li rriżenjat minħabba r-rikorrenti. Michelle Bartolo qaltilha li Gladys Tabone kienet imqabbda magħha u għalkemm ma kelliex xogħol ieħor iddeċidiet li titlaq u hawn għal darb'oħra x-xhud tat il-benefiċċju tad-dubju lir-rikorrenti. F'Ottubru 2008 inqala' xi disgwid fix-shop floor u l-Line Manager Lawrence Inder ħareġ charge note. F'dan l-argument ħareġ il-mod abbużiv ta' kliem u manjieri tar-rikorrenti lejn l-impjegati u lejn il-managers. Ir-rikorrenti ingħatat twissija biex tagħraf timxi u tirranġa l-attitudni tagħha lejn il-ħaddiema u ġiet mitluba tagħti eżempju lill-ħaddiema u mhux tipprovoka b'diskors żejjed. Meta ingħatat din it-twissija hi għaffġet il-karta. Dan seħħ quddiem ix-xhud fl-uffiċċju tagħha. F'Novembru 2008 il-kumpannija rċeviet sensiela ta' ittri anonomi fir-rigward tal-komportament ħażin tar-rikorrenti. minħabba li l-ittri kienu anonimi l-kumpannija ma setgħet tieħu l-ebda azzjoni fuqhom pero x-xhud u Mario Elding xorta għajtu lir-rikorrenti u kellmuha fit-tul dwarhom. Xahar wara irċivew iktar ittri u reġgħu kellmu lir-rikorrenti. F'Marzu 2009 irċivew it-tielet riżenja ta' Sharon Privitera li spjegatilha personalment x'kienu l-problemi mar-rikorrenti. Ix-xhud spjegat li qabel kull riżenja kienet tagħmel tip ta' exit interview. Hemmhekk ħarġet twissija lir-rikorrenti.

F'Marzu 2011 waslitilhom riżenja oħra minn Michelina Mifsud fejn ukoll qalet li r-raġuni prinċipali tar-riżenja tagħha kienet ir-rikorrenti u l-klikka tagħha. F'April 2011 Caroline Attard ġiet iċċertifikata b'depression mit-tabib tal-kumpannija. Meta daħlet lura għax-xogħol Attard huma poġġewha f'kumpannija oħra tagħhom biex jevitaw li jiltaqgħu. F'Marzu 2011 Joseph Pace, Direttur, kien kellem lir-rikorrenti u f'Awwissu 2011għamlu reshuffle tat-timijiet u dawru ċ-chargehands fiż-żewġ fabbriki. Reġa' kien hemm aktar disgwid u Caroline Attard reġgħet ħarġet fis-sick leave b'depression u ftit wara ċemplitiliha u qaltilha li trid tirriżenja. Ir-rikorrenti saret taf li x-xhud ippruvat iżżomm lil Caroline Attard milli titlaq u telgħet l-uffiċċju tagħha għas-sodisfazzjon. Ix-xhud qalet li ma kienx affari tagħha allura ma tatiex informazzjoni. Hija qalet li meta lir-rikorrenti kienet tgħidilha affarijiet li ma jogħġbuhiex kienet tipprova tintimidaha biex tgħaddi tagħha. S'issa kellhom sitt riżenji kollha attribwiti għall-atteġjament tar-rikorrenti. Caroline Attard kienet avviċinat ukoll xi diretturi tal-kumpannija u hawnhekk saret pressjoni biex jinvestigaw u ħareġ il-każ tal-fastidju sesswali. Bħala kumpannija ma jippermettux dan it-tip ta' atteġjament għaliex iridu jassiguraw post xieraq għall-impjegati. Mill-investigazzjoni ħareġ li kienet tagħti fastidju sesswali lill-kollegi u l-kumpannija ħasset li kienu għamlu ħames snin jagħtuha l-benefiċċju tad-dubju u issa kien iżżejjed. Hawnhekk il-management elenka l-akkużi kollha f'ittra datata 14 ta' Marzu 2012. Tawha ċ-ċans tissottometti l-argumenti tagħha bil-miktub u ltaqgħu biex jisimgħu l-każ tagħha fl-20 ta' Marzu, fejn hija kienet irrappreżentata mis-Sur Lino Vassallo. Is-Sur Vassallo talab li jitressqu x-xhieda tal-kumpannija ħalli r-rikorrenti taffaċċjhom waħda waħda pero l-kumpannija ħasset li ma setgħux iħallu lir-rikorrenti tkompli tivvitimizza lil vittmi speċjalment lil dawk li kienu għadhom impjegati. Wara din il-laqgħa l-kumpannija ddeċidiet li tittermina l-impjieg tar-rikorrenti.

In kontro eżami x-xhud spjegat ix-xogħol ta' charge hand fiex jikkonsisti u li għamlu żewġ trainings li Gladys kienet parti minnhom. Meta l-HR jirċievi riżenji tat-tip li beda jirċievi l-HR jinvestiga u jevalwa billi jaraw u jisimgħu lil impjegat, tieħu feedback mingħand il-Line Managers, mingħand l-Operations Managers u jqisu. Mhux neċessarjament dak kollu li jkunu qegħdin jgħidulek ikun 100% korrett u hija temmen li ż-żewġ partijiet ikollhom ammont ta' korrettezza. Huma tkellmu mar-rikorrenti fuq diversi każijiet. Il-każijiet kollha ġew evalwati fid-dettall. Kien hemm fejn kellmuha, kien hemm fejn aħna ħarġu warnings, jiġifieri huma għamlu dak kollu li hu possibbli. Huwa aċċettat li *chargehand* iqabbad lil xi ħadd ieħor jiknes pero' ovvjament ma tistax tqabbad persuna waħda tiknes kull darba u kull ħin u kull moment u dawk kienu l-ilmenti. Ir-rikorrenti kienet taġixxi b'mod abbużiv mhux mal-impjegati biss imma anki mal-management. Kienet tgħolli leħinha mal-Line Managers, jiġifieri tgħajjat, storbju, tmur għand ix-xhud u tagħmel l-istess. L-istess mal-kollegi, mal-*packers*, u mal-ħaddiema li jaħdmu direttament magħha. Ix-xhud qalet li llum ma għandhomx dak it-turnover li jirriżenjaw bħal ma kellhom fil-passat. Ix-xhud spjegat għalfejn fir-riżenji ta' Sharon Privitera u Simone Vassallo ma ħadux azzjoni kontra r-rikorrenti. Spjegat kif dawn kienu każijiet li ġraw tul numru ta' snin mhux fi ftit ġimgħat, nies li ma jafux lil xulxin, allura meta jkollok repetizzjoni tal-istess problemi, element ta' verita' x'imkien ikun hemm. Ix-xhud qalet li l-kumpannija għamlet minn kollox: żewġ training sessions, reshuffle, ċ-*chargehands* iduru minn fabbrika għall-oħra, għamlu diversi affarijiet, kellmu lir-rikorrenti, ħarġu twissijiet għal darba, tnejn, tlieta sakemm waslu f'punt fejn kellha tittieħed deċiżjoni. Ix-xhud qalet li saru jafu bil-fastidju sesswali meta rriżenjat Caroline Attard u

hemmhekk huma fetħu investigazzjoni. F'din l-investigazzjoni rriżulta li Caroline Attard u Anna Maria Cachia Refalo ġew imbabsa intimament.

Joseph Pace, Managing Director tal-Consolidated Biscuits ilu mpjegat mal-kumpannija tmienja u għoxrin sena xehed li r-rikorrenti kienet waħda mill-aħjar charge hands u kellha riżultati rekord. Biss minn kmieni beda jkollhom problemi ta' inter personal relationships mas-sub ordinates tagħha. Ix-xhud spjega dwar it-taħriġ li jingħataw il-middle management. Ix-xhud spjega li sa mill-bidu kien hemm clashes individwali u s-sitwazzjoni bdiet taggrava meta beda jkun hemm ir-riżenji. Ix-xhud spjega kif ir-rikorrenti kellha l-mod tagħha ta' kif tikkontrolla n-nies. L-affarijiet eskalaw meta rriżenjat Caroline Attard u marret tkellem lil Dr. Eric Mizzi li huwa direttur tal-bord. Dan bagħat nota lix-xhud li hemm allegazzjonijiet serjissimi u li hemm bżonn li ssir investigazzjoni. Fl-investigazzjoni bagħtu għan-nies li kienu rriżenjaw u anke għal nies li kienu għadhom jaħdmu hemm fejn ħargu affarijiet li kienu jafu u oħrajn li ma kinux jafu bihom eżempju li l-Ġimgħa filgħaxija ċertu nies li kienu jridu joħorġu wara x-xogħol kienet tħallihom jinħaslu u jirranġaw filwaqt li n-nies l-oħra kien ikollhom jagħmlu xogħolhom. Dawn l-allegazzjonijiet ħarġu min-nies differenti li kienu ħadmu f'perjodi differenti u li xi wħud minnhom lanqas kienu jafu lil xulxin. Pero l-agħar allegazzjoni kienet li kien hemm ċajt bħal ftuħ ta' overalls, taqbdilhom sidirhom, tniżżlilhom il-qalziet minn wara eċċ. Bħala kumpannija għandha zero tolerance fuq dawn l-affarijiet. Ix-xhud spjega li dan kollu ġie elenkat f'ittra li intbagħtet lir-rikorrenti fejn talbuha tagħti spjegazzjoni. Minflok għamlet hekk, talbet laqgħa u x-xhud kien qalilha li minħabba n-natura gravi tal-akkużi aħjar tkun akkumpanjata u hija marret ma' Lino Vassallo. Fil-laqgħa talbet li jtellgħu n-nies li għamlu l-allegazzjonijiet u taffaċċjhom hi u riedet ittella' nies sabiex jagħtu evidenza kuntrarju għal dak li kien hemm allegat fl-ittra. Eventwalment il-kumpannija ddeċidiet li tittermina l-impjieg tar-rikorrenti.

Mario Elding xehed li hu l-Operations Manager tal-Consolidated Biscuits u ilu jaħdem hemm disgħa snin. Qal li kemm –il darba iltaqa' mar-rikorrenti fuq ix-xogħol. Fil-każ tagħha huwa ġie involut fi tliet istanzi. L-ewwel instances kienu fejn irċivew sensiela ta' ittri anonimi fit-2008. Hu flimkien mal-HR Manager għajtulha u ddiskutew l-ittri u innegat kull ma kien hemm miktub fl-ittri. L-ittri anonimi kien fihom kontenut ta' imġieba ħażina min-naħa ta' Gladys versu l-impjegati. La darba waslu fil-kumpanija huma kellhom ikellmuha lil Gladys. L-unika azzjoni li ttieħdet f'dal każ kienet li tkellmu ma' Gladys għaliex minħabba li kienu ittri anonimi ma setgħux jieħdu l-ebda azzjoni fuqhom. It-tieni każ kien ta' Simone Vassallo fejn kien hemm konfront dirett bejn Gladys u Simone fuq xi issues ta' toilet, li tibgħat it-toilet u ma tibagħtiex, u ddiskutew magħha wkoll u anki ma' Simone. F'dal każ ir-rikorrenti ġiet mogħtija l-benefiċċju tad-dubju u ppruvaw jirrangaw is-sitwazzjoni bejn Gladys u Simone, li filfatt irranġat kienet. It-tielet każ li kien mar għand ix-xhud kien ta' Caroline Attard. Caroline kienet ġiet l-uffiċju tibki, mdejqa bl-atteġjament ta' Gladys lejha u kienet tidher imdejqa ħafna. L-akkużi min-naħa ta' Caroline kieku li hi imqabbda magħha, ma tibagħtiex it-toilet, dejjem tqabbad lilha tiknes. Gladys ġiet mgħajta, kellmuha, infurmawha bil-każ, hi nnegat l-affarijiet ukoll u reġgħet ġiet mogħtija l-benefiċċju tad-dubju.

Sandra Falzon xehdet li ilha taħdem mal-Consolidated Biscuit tnax –il sena bħala packer. Lil Gladys kienet tafha kemm bħala packer kif ukoll bħala charge hand fuqha.

Spjegat kif jitqassam il-ħin waqt ix-xift tagħhom. Qalet li lil Caroline Attard tafha għaliex kienet taħdem magħhom u ma tafx li kien hemm inċidenti bejn Gladys u Caroline Attard. Ix-xhud qalet li fil-Packing Area kollox viżibbli u hi qatt ma rat xejn. Hi qalet li qatt ma ħadet showers waqt il-ħin tax-xogħol u qatt ma rat lil ħadd jieħu showers u lanqas ma jistgħu jitilgħu toilets f'daqqa. Hi qalet li ġieli talbet lil Gladys biex tmur it-toilet u qaltilha ma tistax għalissa għax ikun hemm ħaddieħor. Qalet li Gladys ġieli għajtet magħha u meta kellha bżonn iċċanfarha, ċanfritha imma in ġenerali kienet timxi tajjeb magħha. Qalet li Gladys kienet dixxiplinata fuq xogħolha.

Catherine Micallef xehdet li ilha tadem bħala *packer* mal-Consolidated Biscuit sitt snin. Qalet li lil Gladys dejjem laħqitha bħala *chargehand* u ċjoe bħala supervisor. Spjegat li huma kienu jduru wara xulxin ix-xogħol jiġifieri per eż jagħmlu sagħtejn *feeders,* wara *feeders* imorru *packer, stacker,* u kaxxi u dejjem jerġgħu jduru l-istess xogħol u din is-sistema kienet tintuża għal kulħadd. Qalet li Gladys hija dixxiplinata fuq ix-xogħol tagħha, tara li kulħadd jagħmel kollox l-istess, u tipprova żżomm lil kulħadd l-istess.Kien hemm ħafna istanzi fejn Gladys ġibditlha l-attenzjoni għal xi ħaġa li għamlet ħażin u ġieli bkiet ukoll għax kienet tikkorreġiha. Ix-xhud qalet li qatt ma ħadet showers waqt il-ħin tax-xogħol u qatt ma rat lil ħadd jieħu shower waqt li hi kienet tkun it-toilet. Hi qalet li ġieli riedet tmur it-toilet u Gladys waqqfitha għax ikun hemm ħaddieħor imma jekk tkun emerġenza taħdem hi flokna u mmorru. Ix-xhud qalet li Caroline Attard taf min hi imma qatt ma kienet xift magħha.

Ir-rikorrenti xehdet li għamlet ħmistax-il sena packer u ħames snin charge hand. Hi spjegat ix-xogħol ta' charge hand x'jikkonsisti. Il-kumpannija kienu kuntenti bil-performance tagħha u kien isirilha appraisal mil-Line Manager tagħha, Tony Borg Bonaci, kull sena. L-appraisal kien jikkonsisti f'evalwazzjoni dwar il-produzzjoni tagħha u l-immaniġġjar tan-nies. Hija spjegat li charge hand tajba trid tkun bħal qubbajt ħelwa imma iebsa. Ir-rikorrenti ġiet mistoqsija dwar l-inċidenti ma' impjegati differenti. Spjegat li meta kienu jinqalgħu inċidenti ma' impjegati ġieli kienet tinforma lil Line Manager. Il-verżjoni tagħha tal-inċidenti mal-persuni li allegatament telqu minħabba fiha kienet li dawn ma kinux jieħdu ordinjiiet, kienu qabdu u telqu minn fuq il-post tax-xogħol meta jkun hemm il-problemi. Ix-xhud qalet li dejjem kellment lil kulħadd bl-edukazzjoni. Innegat ukoll li kienet tagħmel xi ċajt bl-overalls u qalet li meta kienet hemmhekk hi l-fabbrika kienet mimlija cameras, apparti li l-Line Manager kien ikun preżenti għat-tul tax-xift. Dwar id-distribuzzjoni ħażina tax-xogħol, ir-rikorrenti nnegat din l-allegazzjoni ukoll u qalet li ma setgħetx tagħmel dan. Ix-xhud qalet li darba bagħtu għaliha is-Sur Pace, is-sinjura Incorvaja u lis-Sur Elding fejn tawha akkuża mimlija allegazzjonijiet u kalunji sħaħ fuqha. Hi qalet li qabel dak l-inċident darba biss semgħet tgergir fuqha u dan min-naħa ta' Caroline Attard. Wara li rċiviet l-ittra kellmet lil Lino Vassallo imbagħad irċiviet ittra mingħand il-kumpannija li x-xogħol tagħha ġie tterminat. Ix-xhud ikkonfermat li kien sar proċess ta' dixxiplina. Ix-xhud qalet li preżentament mhijiex taħdem u ilha tlett snin ma taħdimx. In kontro eżami x-xhud qalet li r-relazzjoni tagħha mal-Managing Director kienet tajba pero mal-HR ma kinitx tajba għaliex kienet tgħidilha affarijiet fuq xogħol u kienet tinjoraha. Ix-xhud ma ftakritx li qatt inġibditilha l-attenzjoni dwar l-atteġjament tagħha mal-impjegati. Lanqas ma ftakret li l-HR Manager tatha twissija li hija qattgħet.

Rachel Azzopardi xehdet li ilha disa' snin taħdem bħala packer mal-kumpannija. Lir-rikorrenti tafha għaliex kienet iċ-charge hand tagħha. Qalet li kienet strict ħafna u ġieli għajtet magħha. Ix-xhud qalet li r-rikorrenti kienet strict ma' kulħadd. Qalet li ġieli ma bagħtitiex it-toilet u kienet tgħidilha tistenna. Ix-xhud qatt ma rat nies jieħdu showers. Ix-xhud qalet li qatt ma rat lir-rikorrenti taqbad mal-overalls ta' Caroline Attard jew ta' xi ħadd ieħor. Ix-xhud ikkonfermat li hi u r-rikorrenti kienu ħbieb u baqgħu ħbieb anke wara li hija spiċċat mix-xogħol.

Romina Cassar packer ilha taħdem mal-kumpannija tlieta u għoxrin sena rripetiet li qatt ma rat preferenzi min-naħa tar-rikorrenti, li ġieli għajtet magħha għaliex kienet strict u dixxiplinata fuq xogħolha u li qatt ma rat ċajt bl-overalls u qatt ma rat lil ħadd jieħu shower. Ma kinitx taf b'xi klikka li kellha r-rikorrenti. Mistoqsija dwar Caroline Attard ix-xhud qalet li meta kienu jaħdmu flimkien kellhom relazzjoni tajba ħafna pero wara li telqet din bdiet tibgħatilha ħafna messaġġi ta' theddid. Ix-xhud in kontro eżami qalet li ma kinitx taf għalfejn telqet Caroline Attard avolja kienu ħbieb ħafna. Mistoqsija dwar jekk kinitx taf għalfejn Simone Vassallo telqet mix-xogħol ix-xhud qalet li ma kinitx taf.

Diane Tabone xehdet li taħdem ġo fabbrika tal-farmaċewtika u lir-rikorrenti tafha meta kienet taħdem il-Consolidated Biscuits Ltd. sebgħa snin qabel. Mistoqsija dwar il-pattern tax-xogħol ix-xhud irrispondiet li kienu jduru kull sagħtejn. Ix-xhud qalet li telqet għaliex sabet xogħol ieħor u qatt ma rat favoritiżmu lejn ċertu impjegati. Ix-xhud qalet li r-rikorrenti qatt m'għajtet magħha għax xogħlha dejjem għamlitu u qatt ma saqsietha tmur it-toilet u ma ħallitiex tmur. In kontro eżami x-xhud qalet li kemm ilha li telqet ma tafx x'inhu jiġri l-Consolidated Biscuits.

Lorraine Fabri, charge hand, ilha taħdem mal-kumpannija tnax-il sena xehdet li ġieli ħadmet ma' Gladys Tabone bħala packer. Qalet li r-rikorrenti tagħmel xogħlha kif suppost u li magħha kienet tmur tajjeb. Lil Caroline Attard tafha u ġieli għamlet xifts magħha. Spjegat li Attard kienet tuża ton arroganti ħafna lejhom u ma kinitx iġġib rispett lejn iċ-charge hands. Ix-xhud qalet li qatt ma rat logħob bl-overalls, li r-rikorrenti kienet tqassam ix-xogħol kif suppost u ma kienx ikun hemm favoritiżmi. Ix-xhud qalet li pero fix-xogħol tagħhom tisma' tgergir għaliex ma tistax togħġob lil kulħadd. In kontro eżami x-xhud qalet li jekk xi ħadd taħtha ma jkunx irid jisma' ma tgħajjatx miegħu jew tkellmu ħażin imma tmur għand ta' fuqha. Qatt m'użat metodi ta' dixxiplina bħal eżempju ma tħallix lil xi ħadd imur it-toilet. Ix-xhud spjegat ukoll li ftit li xejn ħadmet mar-rikorrenti minħabba li hi kienet taħdem fil-fabbrika l-oħra.

Elissa Ciantar, quality control, Consolidated Biscuits Ltd. qalet li kienet ilha disa' snin taħdem mal-kumpannija u ġieli kienet substitute charge hand tar-rikorrenti. Qalet li r-rikorrenti kienet determinata fuq xogħolha sabiex ix-xogħol isir tajjeb u li l-post ikun nadif. Hi qalet li qatt ma għajtet magħha għalkemm ġieli kkoreġietha. Ix-xhud qalet li ma tantx kienet tinzerta xogħol mar-rikorrenti imma qatt ma ratha tiddiskrimina kontra Caroline Attard jew xi impjegati oħra. Qalet li fix-xifts kulħadd irid idur ix-xogħol bilfors u qatt ma kien hemm ħadd jagħmel ġurnata jiknes. Ix-xhud qalet li qatt ma rat lir-rikorrenti involuta f'xi logħob bl-overalls.

## Sinteżi tat-trattazzjoni

Iż-żewġ partijiet irreferew għax-xhieda prodotti u ħarġu l-inkostistenzi li kien hemm bejniethom. Is-soċjeta ikkontendiet li r-rikorrenti kienet charge hand tajba ħafna b'riżultati eċċellenti pero wara li daħlu ilmenti wara ilmenti u riżenji wara riżenji ma setgħetx tkompli tinjora l-fatt li r-rikorrenti kienet timxi b'mod diskriminatorju u kien hemm fastidju sesswali fuq diversi kollegi. Ir-rikorrenti saħansitra kienet tkun abbużiva fil-konfront tal-management kif ukoll ma' impjegati oħra li ma kinux fil-klikka tagħha. Is-soċjeta irreferiet ukoll għad-diversi twissijiet li ħarġu lir-rikorrenti, u li saħansitra kienet qattgħet wieħed minnhom quddiem l-HR Manager. Is-soċjeta elenkat il-miżuri kollha li kienet ħadet sabiex tipprova timmiljora s-sitwazzjoni, li jinkludu taħriġ lir-rikorrenti, reshuffle, management ikellimha kemm-il darba. Minkejja dan ir-rapporti negattivi komplew jaslu u meta s-soċjeta rat li kien hemm riżenja waħda wara l-oħra attribwita għall-atteġjament tar-rikorrenti hija ddeċidiet li tagħmel investigazzjoni u kienet fil-mori ta' din l-investigazzjoni li ħarġu l-allegazzjonijiet tal-fastidju sesswali. Ix-xhieda prodotti mis-soċjeta spjegaw kif ir-rikorrenti kienet tmisshom b'mod intimu f'postijiet imwarrba min-nies avolja dawn kienu juruha li mhux jieħdu gost b'dan l-atteġjament. Is-soċjeta rreferiet għad-deċiżjoni li ngħatat fil-kwistjoni tax-xogħol bejn Doris Bonello u The General Soft Drinks Company Ltd (Każ Numru 2571/LC) fejn ġie enfasizzat l-obbligu legali tal-kumpannija li tħares lill-impjegati tagħha minn fastidju sesswali u tieħu dawk il-miżuri kollha neċessarji u li fin-nuqqas li tagħmel dan tkun hija stess legalment responsabbli minn dak l-aġir. Is-soċjeta kkonkludiet li d-deċiżjoni li titkeċċa r-rikorrenti ma ttiħditx b'ħabta u sabta iżda wara tul ta' żmien li r-rikorrenti ngħatat diversi opportunitajiet li tirranġa l-aġir tagħha, bil-kulminu tal-aġir gravi jkun il-fastidju sesswali. It-tkeċċija ttieħdet skont il-proċeduri tal-Ftehim Kollettiv u ingħatat kull opportunita tiddefendi ruħha.

Ir-rikorrenti kkontendiet li s-soċjeta intimata naqset li tipprova b'mod ċar li tipprova l-akkużi miġjuba kontra r-rikorrenti minħabba li bbażat ruħha fuq rakkonti mhux inattendibbli u mhux kredibbli. Dan minħabba s-soċjeta naqset milli tipproduċi kopja tar-reġistrazzjonijiet tas-CCTV u minħabba li x-xhieda kollha prodotti mir-rikorrenti stqarru b'mod ċar li qatt ma raw lir-rikorrenti tilgħab bl-overalls ta' sħabha. Ir-rikorrenti qalet ukoll li s-soċjeta naqset b'mod ċar li tipprova li r-rikorrenti kienet tiddiskrimina kontra grupp ta' ħaddiema a favur t'oħrajn. Dawn ix-xhieda ukoll ikkonfermaw li r-rikorrenti kienet dixxiplinata ħafna u ma kinitx tiddejjaq tkun strict mal-impjegati meta dawn ikunu naqsu. Ir-rikorrenti ikkontendiet li s-soċjeta m'għamlet xejn sabiex tinvestiga b'mod trasparenti l-inċidenti li ġew irrappurtati u straħet fuq rakkonti mhux kredibbli u li ma ġewx ippruvati.

## Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal

It-Tribunal għarbel ix-xhieda u dokument prodotti u qed jagħmel dawn il-kunsiderazzjonijiet.

Huwa fatt mhux ikkontestat illi r-rikorrenti fil-qasam tal-produzzjoni kienet waħda mill-aħjar, jekk mhux l-aħjar chargehand li qatt kellha l-kumpannija. Minkejja dan, mix-xhieda li produċiet il-kumpannija jidher illi kellha problemi kemm mal-kollegi kif ukoll mas-superjuri tagħha. Il-kumpannija ppreżentat diversi xhieda li lkoll qablu fl-evalwazzjoni tagħhom tar-rikorrenti, xhieda li ħadmu mar-rikorrenti fuq medda ta'

żmien u li xi wħud minnhom lanqas kienu jafu lil xulxin. Apparti l-atteġjament mal-kollegi tagħha dan it-Tribunal ma jistax ma jirrimarkax dwar ix-xhieda li ingħatat mis-superjuri tar-rikorrenti li lkoll iddiskrivew atteġjament li ma jixraq lill-ebda impjegat, wisq anqas chargehand li għandha tkun ta' eżempju lill-ħaddiema li jirrappurtaw lilha. It-Tribunal ifakkar ukoll li l-kumpannija ressqet diversi provi illi r-rikorrenti ma kelliex atteġjament eżattament eżemplari u li kienu inħarġu diversi twissijiet qabel ittieħdet id-deċiżjoni illi titkeċċa.

It-Tribunal jirrimarka li kien biss wara diversi ilmenti u riżenji li l-kumpannija ħadet id-deċiżjoni li tittermina l-impjieg tar-rikorrenti. it-Tribunal ukoll jinnota illi ma kinitx deċiżjoni li ttieħdet ħabta u sabta u l-kumpannija dejjem tat lir-rikorrenti l-opportunita illi tirranġa l-atteġjament tagħha billi bagħtitha għal taħriġ, biddlet ix-shifts u anke ħarġitilha twissijiet sabiex turiha s-severita tal-atteġjament tagħha. Ir-rikorrenti ressqet xhieda kontrastanti ma' dik li ppreżentat il-kumpannija fejn dawn qalu illi r-rikorrenti qatt ma mxiet b'mod diskriminatorju jew abbużiv ma' xi xħud mill-ħaddiema. Dan it-Tribunal kellu l-opportunita jara u jisma lix-xhieda u ser jieħu l-verżjoni tax-xhieda mressqa mill-kumpannija bħala dik korretta.

Fir-rigward tal-allegazzjoni tal-fastidju sesswali l-kumpannija ma setgħetx ma tiħux tali allegazzjoni b'serjeta kbira u taġixxi fuqha minħabba r-responsabbilta tagħha taħt Kap.456 Artikolu 9 jgħid illi:

*(2) (a) Persuni responsabbli għal xi post tax-xogħol, stabbiliment jew enti edukattivi li jipprovdi taħriġ jew gwida vokazzjonali jew għal xi stabbiliment fejn jiġu offruti oġġetti, servizzi jew faċilitajiet ta' akkomodazzjoni lill-pubbliku, m'għandhomx jippermettu lil persuni oħra li jkollhom jedd ikunu preżenti fi, jew li jagħmlu użu minn xi faċilità, oġġett jew servizz ipprovdut f'dak il-post, li jġarrbu fastidju sesswali f'dak il-post.*
*(b) Persuni li jkunu responsabbli kif hawn qabel imsemmi jistgħu jiddefendu ruħhom dwar dak li jkunu għamlu billi jġibu prova li huma jkunu ħadu dawk il-passi li jistgħu jkunu raġonevolment prattikabbli biex jipprevjenu dak il-fastidju sesswali.*

Hekk kif jiċċita Selwyn *'If an employer has reason to believe that sexual harassment is taking place, it is incumbent on him to investigate the matter, and to take some action, if necessary....A failure to do so could well amount to a breach of the implied term of trust and confidence (Reed & Bull Information Systems Ltd v Stedman).'*
Il-kumpannija ħadet azzjoni dwar dawn l-allegazzjonijiet, hekk kif kienet legalment obbligata li tagħmel u għamlet investigazzjoni u waslet għal konklużjoni illi r-rikorrenti kienet ħatja ta' fastidju sesswali. Ir-rikorrenti allegat li l-kumpannija ma tathiex smiegħ xieraq minħabba li ma semgħetx xhieda fil-preżenza tagħha u ma tħallietx ittella' xhieda. It-Tribunal kellu l-opportunita li jisma' x-xhieda prodotti miż-żewġ partijiet u fil-fehma tiegħu r-rikorrenti ma pprovatx illi hija ma tatx fastidju sesswali lill-persuni li allegaw li ġew iffastidjati minnha. It-Tribunal jirrimarka li f'każijiet ta' fastidju hija l-persuna li allegatament ikkommettiet tali fastidju illi trid tipprova illi fil-fatt ma tatx dan il-fastidju.

It-Tribunal ma jistax jonqos milli jirrimarka illi post tax-xogħol san ma jitkejjilx biss mill-produzzjoni u mill-profitti li l-kumpannija tagħmel imma jitkejjel ukoll mill-

kuntentizza u mill-benessere tal-impjegati kollha. Li jkollok impjegata waħda li ttellef il-kuntentizza ta’ numru kbir ta’ impjegati, ħlief il-ftit li din ikollha grazzja magħhom, żgur ma huwiex ambjent san. Li jkollok ammont ta’ impjegati li jibdew ibatu minn kundizzjonijiet mediċi u li saħansitra jirreżenjaw huwa inkwjetanti għall-kumpannija u li kieku l-kumpannija ma ħaditx azzjoni żgur li kienet tkun qegħda tonqos lill-impjegati l-oħrajn kollha.

**<u>Deċiżjoni</u>**

Għaldaqstant, wara li ra l-atti kollha ta’ dan il-każ, it-Tribunal qiegħed jiddikjara illi t-temm tal-impjieg tar-rikorrenti huwa wieħed ġust u għaldaqstant ma jilqax it-talba tar-rikorrenti għal kumpens.

**<u>Drittijiet</u>**

It-Tribunal jiffissa d-drittijiet ta’ min assista lill-partijiet f’dan il-każ għal €93.17 kull wieħed u dan ai termini tal-provvedimenti ta’ Avviż Legali Numru 48 tal-1986.

B’hekk jintemm dan il-każ.

**(iffirmata)**
**Dr. Charmaine Cristiano Grech**
**Chairperson**

**VERA KOPJA**

**Graziella Spiteri**
**Ghas-Segretarju**